MALTA

ATT Nru. I ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.

ACT No. I of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Immovable Property (Aquisition by Non-Residents) Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

19 ta' Jannar, 1988

ATT Nru. I ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Att XXXVII ta' l-1974.

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok id-definizzjoni ta' "Ministru" għandu jidħol dan li ġej:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi, u minbarra għall-finijiet ta' ordni li jsir skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5, u għall-finijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, tinkludi meta jkun delegat bil-miktub mill-Ministru, kull uffiċjal pubbliku fil-Ministeru tal-Finanzi li jkun hekk delegat mill-Ministru;";

(b) minfok is-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) fid-definizzjoni ta' "persuna mhux residenti" għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) ħamsa u għoxrin fil-mija jew iżjed mill-kapital azzjonali jew kapital ieħor tagħha jkun proprjetà ta' persuna mhux residenti; jew"; u

(ċ) minflok id-definizzjoni "persuna residenti ta' Malta" għandu jidħol dan li ġej:

" "persuna residenti ta' Malta" tfisser individwu li jkun —

(a) ċittadin ta' Malta; jew

(b) miżżewweġ lil ċittadin jew ċittadina ta' Malta jekk bejn dawk il-miżżewġin ikun hemm teżisti l-komunjoni ta' l-akkwisti;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) id-dispożizzjoni preżenti għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied dan is-subartikolu li ġej:

"(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal:

(a) l-akkwist ta' qabar jew sit għal qabar minn persuna mhux residenti; u

(b) il-fidwa minn persuna mhux residenti ta' kull ċens jew piż ieħor fuq kull proprjetà immobbli li tkun ġiet akkwistata skond il-liġi minn dik il-persuna mhux residenti.".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "sitt elef lira" fil-paragrafu (b) tiegħu għandhom jidħlu l-kliem "tmint elef lira Maltija"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tal-proviso li hemm miegħu, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

"Iżda wkoll il-Ministru jista' jżomm il-permess tiegħu għall-akkwist ta' kull proprjetà immobbli li huwa jqis li jkollha importanza storika, jew li tkun tinstab f'lokalità storika.".

Dispożizzjoni transitorja.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tad-definizzjoni ta' "persuna residenti ta' Malta" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att, għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-30 ta' Mejju, 1974.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 59 tat-13 ta' Jannar, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati